**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 158/2024 RM**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**JESMOND DEBONO**

**Illum 31 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JESMOND DEBONO** iben Saviour u Josephine nee' Gatt, imwieled ġewwa l-Pieta' nhar it-tlieta (3) ta' April 1968, residenti ġewwa Blk Y3, Triq id-Deheb Fin, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 171668(m) li ġie akkużat talli għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16:30) u l-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30) fi Triq in-Naxxar, San Gwann, u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Justin Carabott, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 335706, u cioe' ferita ta' natura gravi, hekk kif iċċertifikat minn Dott. Waad Osman, Med. Reg. No. 8032;
   (Artikoli 214, 215, 216, 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Ritienne Carabott, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 242978(M), u cioe' ferita ta' natura ħafifa, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Robert Portello, Med. Reg. No. 2196;
(Artikoli 214, 215, 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

3. Aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' nuċċali tal-vista', liema ammont tal-ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Euro (€250), u dan għad-dannu ta' Justin Carabott u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;
(Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

4. Aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi ksirt volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
(Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex:

i. Tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li tinstab ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi;

ii. Toħroġ ordni jew ordnijiet ta' protezzjoni kontra l-imputat a favur l-imsemmi Justin Carabott, Ritianne Carabott, Brian Carabott u Graziana Carabott ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-mori tal-kawża kif ukoll, kemm il-darba tinstab ħtija, tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Kemm il-darba tinstab ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15A u Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens xieraq lill-imsemmi Justin Carabott.

Semghet lill-Prosekuturi jaqraw l-akkuzi u jikkonfermawhom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' April 2024 ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni taħt l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-imputat għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Justin Carabott u Ritienne Carabott;

Semgħet lill-imputat waqt is-seduta tal-5 ta' Settembru 2024 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Semgħet lill-imputat jikkonferma din l-ammissjoni tal-ħtija anke wara li hija wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Awwissu 2023 fejn laqgħat it-talba tad-difiża u ordnat li jinħatar Uffiċjal tal-Probation sabiex jiġi mħejji rapport ta' qabel is-sentenza a tenur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda ta' Svetlana Bezzina Giannoukos, l-Uffiċjal tal-Probation, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2024 u rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza ppreżentata minnha (Dok. SB1);

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-parti offiża dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-difiża jiddikjaraw li jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati kommessi fejn wieħed mill-vittmi, Justin Carabott, li kellu biss 17-il sena, safa aggredit b'daqqa ta' ponn u daqqiet ta' sieq li qala' mingħand l-imputat, raġel matur ta' 56 sena, mingħajr ma kien ġie provokat, u fejn ġarrbet ukoll ġrieħi ħfief ommu Ritienne Carabott intortament meta marret twaqqaf lill-imputat milli jkompli jsawwat lil binha.  Mill-ġabra tal-provi, il-Qorti fehmet li kien hemm storja ta' diżgwid bejn il-partijiet wara illi r-relazzjoni bejn Justin Carabott u bint l-imputat, intemmet fuq nota ħażina, bl-imputat javviċina lill-vittma dakinhar tal-incident tabilħaqq biex iwissih biex iżomm 'il bogħod minn bintu.

Il-Qorti qieset ukoll illi il-gravita' tal-offiżi li ġarrab Justin Carabott li skont kif jirriżulta mir-rapport tal-espert mediku mqabbad ex parte mill-parti offiza, jikkonsistu fi frattura tal-għadma tal-imnieħer, li ġie viżibbilment imressaq lejn ix-xellug, fost ilmenti oħrajn inkluż uġigħ fl-imnieħer.  Iżda l-Qorti tosserva illi minn eżami tal-atti u

l-provi proċesswali li kienu laħqu tressqu qabel ġiet reġistrata l-ammissjoni, senjatament ir-ritratti ta' wiċċ Justin Carabott, ma jirriżultawx l-estremi tal-offiża taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, għaliex l-isfreġju riskontrat fil-wiċċ tal-parti offiża ma jidhrix li huwa ta' natura gravissima kif meħtieġ għal sejbien ta' ħtija għall-offiża volontarja maħsub fid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 218.

Madanakollu, fl-istess waqt il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni pjuttost bikrija tal-imputat liema ammissjoni ġiet reġistrata qabel ma xehdu l-vittmi tar-reat, u qieset ukoll il-fatt illi għalkemm diġa' ġie kkundannat fil-passat għal reat kriminali vjolenti, il-fedina penali tal-imputat mhijiex waħda oneruża. Fuq kollox, ikkunsidrat illi l-imputat, fl-intervista li kellu mal-Uffiċjal tal-Probation, wera r-rimors tiegħu għar-reati u rikonoxxa l-fatt li żbalja f'egħmilu, u kkunsidrat ukoll li l-aġir tal-imputat seta' kien xprunat, apparti minn tħassib dwar is-sigurta' ta' bintu, minn kundizzjoni psikoloġika senjatament l-ansjeta', liema kundizzjoni l-imputat ilu ħafna żmien jieħu l-kura għaliha. Fuq kollox il-fatt li l-imputat jidher li jgħix ħajja stabbli, għandu impieg fiss u ma għandux vizzji evidenti li jeħtieġu li jiġu indirizzati għajr għal problema ta' kontroll ta' emozzjonijiet negattivi inkluż rabja.

Qieset ukoll illi mill-atti jirriżulta li l-offiżi ta' natura ħafifa subiti minn Ritienne Carabott kif ukoll il-ħsara fin-nuċċali ta' Justin Carabott, ġew ikkaġunati bl-istess atti li bih ġew ikkawżati l-offiżi fuq il-persuna tal-istess Justin Carabott u għalhekk jidher illi l-istess att ta lok għall-ksur ta' iktar minn dispożizzjoni waħda tal-ligi bil-konsegewenza li jsib riskontru l-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni. Dan ifisser li għandha tinghata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi li, fil-każ in diżamina, huwa r-reat taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali.

Fil-qies ta' dawn l-fatturi kollha l-Qorti filwaqt li tqis li l-gravita' tar-reat timmerita piena karċerarja, hija wkoll tal-fehma li ma jeżistux l-estremi li jiġġustifikaw li din tkun waħda effettiva. Tqis madanakollu, li l-imputat għandu jitqiegħed taħt sorveljanza ta' Uffiċjal Sorveljanti biex jiġi assigurat li waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza jkompli jindirizza d-diffikoltajiet psikoloġiċi li għandu u li jieħu dak it-

trattament li jiġi rakkomandat lilu biex jiġi evitat ripetizzjoni ta' egħmil kriminuż simili u fir-rigward, qiegħda tilqa' r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Uffiċjal tal-Probation fir-rapport ta' qabel is-sentenza.

In konklużjoni, filwaqt li hija wkoll tal-fehma illi l-imputat għandu jikkumpensa lill-vittmi għall-ispejjeż rappreżentanti l-ħsara fin-nuċċali li ġie mħassar b'riżultat tal-aggressjoni mwettqa mill-imputat, tosserva li ma nġiebet ebda prova tan-nefqa relattiva u għalhekk, bl-applikazzjoni tas-setgħat lilha mogħtija taħt l-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali sejra tillikwida dan il-kumpens fis-somma ta' €150, *arbitrio boni viri.*

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 214, 215, 216(1)(b), 221, 325(1)(ċ) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil JESMOND DEBONO ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien erba' (4) snin mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-istess Kapitolu 9, il-Qorti tqiegħed lill-ħati, JESMOND DEBONO, taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti maħtur taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan għaż-żmien kollu tal-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, ċioe' għal erba' snin.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` prigunerija, u spjegatlu wkoll l-effetti tal-ordni ta' supervizjoni għall-fini tal-Artikolu 28G(8) tal-Kapitolu 9.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tikkundanna wkoll lill-ħati, JESMOND DEBONO, sabiex iħallas lil Justin Carabott is-somma ta' mija u ħamsin Euro (€150) li hija s-somma li qed tiġi stabbilita bħala kumpens għall-ħsara kkaġunata bir-reati kommessi għad-detriment tiegħu.**

**Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tiegħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Ritienne Carabott u Justin Carabott għal perijodu ta' tliet (3) snin.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu sabiex iżomm il-buon ordni pubbliku, u dan taħt penali ta' elf Euro (€1,000) għal żmien tnax-il xahar.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-finijiet tal-Artikolu 28A(8) u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-finijiet tal-Artikolu 28G(4) tal-Kapitolu 9.**

**Tordna wkoll li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**